Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10817/24

Fajl Interistituzzjonali:
2008/0140(CNS)

ANTIDISCRIM 95
FREMP 291
GENDER 114
JAI 968
MI 583
SOC 435

**RAPPORT**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 10476/24 |
| Nru dok. Cion: | 11531/08 - COM(2008) 426 final |
| Suġġett: | Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali (Artikolu 19)<br>- *Rapport ta' progress* |

## I. INTRODUZZJONI

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal Direttiva tal-Kunsill bl-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjiegi. Filwaqt li tikkomplementa l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni[1] f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni; u l-aċċess għal prodotti u servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni.

[1] B'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġiżlattiva speċjali); għaldaqstant hija meħtieġa unanimità fil-Kunsill, wara l-*approvazzjoni* tal-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fit-2 ta' April 2009[2] skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni. Il-Kunsill ser ikollu jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-test finali.

Għalkemm il-proposta ilha tiġi diskussa għal kważi sittax-il sena, u kważi kull Presidenza poġġiet il-fajl fuq l-aġenda tal-Kunsill, s'issa ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim. L-aħħar Rapport ta' Progress[3] ġie ppreżentat lill-Kunsill EPSCO fit-12 ta' Ġunju 2023.

Filwaqt li maġġoranza kbira ħafna ta' delegazzjonijiet ilhom jappoġġaw id-Direttiva u approvaw il-fatt li din għandha l-għan li tikkompleta il-qafas legali eżistenti billi tindirizza l-erba' raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni permezz ta' approċċ orizzontali, xi oħrajn esprimew tħassib u talbu kjarifiki dwar in-nuqqas perċepit ta' ċertezza legali, id-diviżjoni tal-kompetenzi u l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u l-impatt tal-proposta, b'mod partikolari f'termini ta' implikazzjonijiet finanzjarji potenzjali.

Matul is-snin sar abbozzar mill-ġdid importanti biex jiġi indirizzat it-tħassib espress, inkluż billi jiġu ċċarati l-obbligi legali kemm dwar is-sustanza kif ukoll f'termini tad-diviżjoni tal-kompetenza, u billi jiġi limitat fil-biċċa l-kbira l-impatt finanzjarju potenzjali tal-abbozz ta' Direttiva.

Il-Kummissjoni appoġġat it-tfittxija għal kompromess, filwaqt li f'dan l-istadju żammet riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla għall-proposta oriġinali tagħha.

---

2 Ara d-dok. A6-0149/2009. Alice Kuhnke (SE/Il-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea) inħatret Rapporteur mill-Parlament attwali.

3 9043/23. Il-Kunsill kellu wkoll dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta (ara d-dokument 9544/23).

## II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA BELĠJANA

Matul il-Presidenza Belġjana, twettqet ħidma intensiva dwar il-proposta sabiex tintlaħaq l-unanimità. Il-proposta ġiet diskussa fi tliet laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kwistjonijiet Soċjali[4]– tliet darbiet fil-Coreper[5] kif ukoll fil-livell tal-Kunsill. Il-Presidenza ppreżentat erba' settijiet ta' suġġerimenti ta' abbozzar, bil-ħsieb li jiġi indirizzat it-tħassib pendenti kollu espress mid-delegazzjonijiet, b'mod partikolari dak relatat maċ-ċertezza legali, ir-rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, u l-impatt finanzjarju potenzjali tad-direttiva futura[6].

Dan it-tħassib ġie indirizzat mill-Presidenza bil-mod li ġej:

1. It-test ġie abbozzat mill-ġdid sabiex jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi tal-Istati Membri rigward *akkomodazzjoni raġonevoli* għal persuni b'diżabbiltà (l-Artikolu 4 u l-Premessi 19a sa 20d), li għandu jiġi distint minn obbligu li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà, li qabel kien tħassar.

2. Il-*kompetenzi* tal-Istati Membri *fl-oqsma tal-edukazzjoni*, inkluż fir-rigward tal-istabbiliment ta' tariffi kif ukoll il-limiti tal-età, ġew delineati b'mod aktar espliċitu (l-Artikolu 3(2)(d) u l-Premessa 17g).

3. It-test ġie ċċarat aktar billi saret referenza għad-diskrezzjoni wiesgħa tal-Istati Membri fil-provvista, l-ikkummissjonar u l-organizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ġenerali, li tikkonferma li l-varjazzjonijiet fil-forniment ta' *servizzi ta' interess ġenerali* bejn il-livelli reġjonali jew lokali bħala tali ma jikkostitwixxux diskriminazzjoni (l-Artikolu 3(5a) u l-Premessa 11).

4. It-test ġie emendat billi ppreveda l-possibbiltà li l-Istati Membri jindirizzaw l-*isfida demografika* tat-tnaqqis fir-rati tat-twelid (l-Artikolu 3(4a) u l-Premessa 19-a).

---

4 Il-laqgħat saru fl-20 ta' Frar, l-14 ta' Marzu u d-9 ta' April.

5 fit-18 ta' April, fis-26 ta' April u fl-14 ta' Ġunju.

6 Id-dokumenti 5552/24, 6630/24, 7549/24 u 8616/24 (riprodotti mingħajr bidla fid-dokument 8616/1/24 REV 1 u b'aġġustamenti tekniċi u editorjali minuri fid-dokument 10476/24).

5. Barra minn hekk, il-Presidenza ċċarat il-kundizzjonijiet għad-*differenzi fit-trattament abbażi tal-età jew id-diżabbiltà* (l-Artikoli 2(5a) u 2(6), kif ukoll il-Premessi 14-a u 14a).

6. Bl-istess mod, il-Presidenza ċċarat id-dispożizzjonijiet dwar id-differenzi *fit-trattament ibbażati fuq l-età jew il-kundizzjoni tas-saħħa ta' persuna speċifikament fil-qasam tas-servizzi finanzjarji* (l-Artikolu 2(7a)-(7) u l-Premessa 15ab).

7. Il-*perjodu ta' traspożizzjoni* tnaqqas għal tliet snin meta mqabbel mal-abbozz preċedenti, fid-dawl tal-perjodu estiż ta' żmien li kien diġà għadda minn meta l-proposta tfaċċat, u d-dispożizzjoni rilevanti ġiet ifformulata mill-ġdid f'konformità mal-prattika eżistenti (l-Artikolu 15(2)). Il-*perjodu ta' rappurtar obbligatorju*, min-naħa l-oħra, ġie estiż għal erba' snin.

8. Il-Premessa 9 ġiet ifformulata mill-ġdid sabiex tikkonferma b'mod espliċitu li kienet twettqet valutazzjoni bir-reqqa fir-rigward tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

9. Saru wkoll għadd ta' bidliet biex it-test jiġi *aġġornat* u biex jittejbu l-konsistenza u ċ-ċarezza interni tiegħu.

Fil-Coreper tat-18 u s-26 ta' April, maġġoranza kbira ħafna ta' delegazzjonijiet appoġġat it-test tal-Presidenza u l-għan li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill fis-7 ta' Mejju 2024. Madankollu, xi delegazzjonijiet talbu aktar żmien sabiex ilestu l-proċessi interni tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet u sabiex ikollhom l-opportunità li jibagħtu kwalunkwe kumment pendenti[7]. Il-Presidenza għalhekk biddlet l-għan tad-diskussjoni fil-Kunsill EPSCO fis-7 ta' Mejju għal dibattitu ta' orjentazzjoni. Matul id-dibattitu ta' orjentazzjoni[8] fil-Kunsill, maġġoranza kbira ħafna ta' delegazzjonijiet appellaw għal qbil rapidu taħt il-Presidenza Belġjana dwar il-proposta bbażata fuq l-aħħar test ta' kompromess. Madankollu, tliet delegazzjonijiet żammew ir-riżervi ġenerali tagħhom.

---

[7] Ma wasal l-ebda kumment bil-miktub mill-Presidenza.

[8] Dokument 9094/24.

Wara d-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill, il-Presidenza kellha diskussjonijiet bilaterali mad-delegazzjonijiet li kien għad kellhom tħassib pendenti f'tentattiv biex jinstabu soluzzjonijiet u titwitta t-triq biex tintlaħaq l-unanimità. Id-Direttiva mbagħad reġgħet tqiegħdet fuq l-aġenda tal-Coreper fl-14 ta' Ġunju[9]. Matul id-diskussjoni fil-Coreper, filwaqt li maġġoranza kbira ħafna ta' delegazzjonijiet setgħet tappoġġa t-test tal-Presidenza u l-għan li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill, tliet delegazzjoni xorta żammew ir-riżerva tagħhom. Għalhekk deher ċar li l-unanimità meħtieġa kienet għadha ma setgħetx tintlaħaq.

## III. KONKLUŻJONI

It-test ta' kompromess tal-Presidenza huwa mehmuż ma' dan ir-rapport. Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet affermaw l-appoġġ qawwi tagħhom għal dan it-test u appellaw għall-adozzjoni rapida tiegħu. Il-Kummissjoni enfasizzat li hija tkompli tqis l-adozzjoni tal-proposta bħala prijorità.

Il-Presidenza tinnota li t-test ta' kompromess attwali, li jieħu kont tat-tħassib speċifiku kollu espress u huwa appoġġat minn erbgħa u għoxrin Stat Membru, għadu ma jgawdix approvazzjoni unanima. Minħabba ż-żieda attwali fid-diskriminazzjoni u l-fastidju ta' gruppi vulnerabbli, li turi l-ħtieġa urġenti li tiġi żgurata protezzjoni komuni u orizzontali taċ-ċittadini madwar l-Unjoni Ewropea kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-raġunijiet protetti kollha, il-Presidenza tittama li jkun jista' jinġabar aktar appoġġ fil-futur qarib, sabiex tintlaħaq l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill.

---

9 Peress li ma wasal l-ebda suġġeriment ta' abbozzar addizzjonali, il-Presidenza ma għamlet l-ebda bidla sostantiva għat-test ta' kompromess li kien ġie diskuss fil-Coreper fit-18 u s-26 ta' April. Ġew introdotti biss aġġustamenti tekniċi u editorjali żgħar (ara d-dokument 10476/24).

<u>**ANNESS**</u>

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[10],

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[11],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

[10] ĠU C , , p. .
[11] ĠU C , , p. .

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għall-minoranzi, valuri li huma komuni għall-Istati Membri kollha. F'konformità mal-Artikolu 6 TUE, l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali"). Skont l-istess Artikolu, id-drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, għandhom jagħmlu parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

(2) Id-dritt għall-ugwaljanza quddiem il-liġi u l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għall-persuni kollha, jikkostitwixxi dritt universali rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Patti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi u dwar Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD), il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Karta Soċjali Ewropea, li għalihom l-Istati Membri kollha huma firmatarji. Din id-Direttiva, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar l-akkomodazzjoni raġonevoli, tirrispetta l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti fil-UNCRPD u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Protezzjoni tal-Patrimonju Dinji Kulturali u Naturali.

(2a) Mit-23 ta' Diċembru 2010, l-Unjoni hija parti għall-UNCRPD. F'konformità mal-Artikolu 216(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), id-dispożizzjonijiet tal-UNCRPD jiffurmaw parti integrali mill-ordni legali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ għalhekk li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi interpretata b'mod konsistenti mal-UNCRPD. B'mod partikolari, fl-Artikolu 2 tagħha, il-UNCRPD tinkludi ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli fid-definizzjoni tagħha ta' diskriminazzjoni u, fl-Artikolu 9 tagħha, obbligi marbuta mal-aċċessibbiltà. Fil-Komunikazzjoni tagħha "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030", il-Kummissjoni tenfasizza l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni persistenti kontra l-persuni b'diżabbiltà barra mill-qasam tal-impjiegi, bħall-protezzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, u l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni, u l-ħtieġa għal aktar progress fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar dawn il-kwistjonijiet. Din id-Direttiva tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet, flimkien ma' azzjonijiet oħra meħuda fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-UNCRPD.

(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. L-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali; u l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabbiltà li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom.

(4)

(5) Fil-Konklużjonijiet tiegħu fl-14 ta' Diċembru 2007 fi Brussell, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi sabiex jipprevjenu u jiġġieldu d-diskriminazzjoni ġewwa u barra s-suq tax-xogħol.

(5a) Sabiex tinbena Unjoni ta' Ugwaljanza, il-Kummissjoni adottat strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni ewlenin[12] fl-2020 u l-2021 li jippromwovu l-prinċipju ta' trattament ugwali u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni permezz ta' taħlita ta' miżuri mmirati u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza fl-oqsma politiċi kollha, filwaqt li jirreferu wkoll għall-importanza ta' approċċ intersezzjonali.

(5ab) Fl-4 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu biex jindirizza ż-żieda allarmanti f'inċidenti razzisti u antisemitiċi fl-Istati Membri tal-UE[13]. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "L-ebda post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda" għandha l-għan li żżid l-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-mibegħda fil-forom kollha tagħha, billi ssaħħaħ l-azzjoni f'varjetà ta' politiki. B'mod partikolari, il-Komunikazzjoni hija sejħa għal azzjoni biex jiġi żgurat li l-Ewropa tkun post fejn il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni jitgawdew minn kulħadd. L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma fost dawn il-valuri fundaturi u d-drittijiet fundamentali, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Dawn huma l-pedament biex jiġi żgurat li n-nies kollha, ikunu min ikunu, ikunu jistgħu jgħixu flimkien mingħajr biża'. L-Unjoni hija impenjata li tibni soċjetà li fiha kulħadd igawdi minn opportunità ugwali biex jiffjorixxi u jkun liberu li jesprimi l-individwalità tiegħu. It-trawwim ta' soċjetà bħal din huwa mod b'saħħtu biex nipproteġu ruħna kontra l-mibegħda u l-intolleranza[14].

---

12 Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2020-2025, Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025, Qafas Strateġiku għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030, Strateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, u Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'diżabbiltà 2021-2030. Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat Strateġija dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija.

13 pdf (europa.eu)

14 JOIN (2023) 51 final, 6.12.2023

(5ac) B'rispons għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2023[15], il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni" tal-11 ta' Ottubru 2023[16], tistabbilixxi approċċ komprensiv għall-bidla demografika, li jippreżenta sett ta' għodod politiċi disponibbli lill-Istati Membri u li jappella lill-Istati Membri biex ikollhom l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni u l-ġustizzja interġenerazzjonali fil-qalba tal-għażliet politiċi.

(6) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2008, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015, u fir-Riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2023, il-Parlament Ewropew appella għall-estensjoni tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fid-dritt tal-Unjoni Ewropea.

(6a) Id-diskriminazzjoni għandha impatt serju mhux biss fuq l-individwi iżda wkoll fuq is-soċjetà, inkluż fuq il-prodott domestiku gross, id-dħul mit-taxxa u l-koeżjoni soċjali. Il-protezzjoni mid-diskriminazzjoni prevista f'din id-Direttiva tista' tikkontribwixxi għal stat ta' saħħa aħjar, edukazzjoni li tħalli l-frott u, għal dawn ir-raġunijiet kollha, għal żieda fil-prodott domestiku gross tal-Istati Membri.

---

[15] Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 29-30 ta' Ġunju 2023.
[16] COM (2023)577 final, 11.10.2023.

(7) Il-Kummissjoni Ewropea affermat fil-Komunikazzjoni tagħha "Aġenda soċjali mġedda: Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-seklu 21" li, f'soċjetajiet fejn kull individwu jitqies li hu ta' valur ugwali, l-ebda ostaklu artifiċjali jew diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip ma għandha żżomm lin-nies lura milli jisfruttaw dawn l-opportunitajiet. Id-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tista' ddgħajjef il-kisba tal-objettivi tal-Unjoni kif inhuma stabbiliti fit-Trattati, b'mod partikolari l-kisba ta' livell għoli ta' impjiegi u ta' protezzjoni soċjali, it-titjib tal-livell tal-għajxien u tal-kwalità tal-ħajja, il-koeżjoni ekonomika u soċjali u s-solidarjetà. Tista' ddgħajjef ukoll l-objettiv tal-abolizzjoni ta' ostakli għal-libertà tal-moviment ta' persuni, oġġetti u servizzi bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni Ewropea kompliet tenfasizza u ġeddet l-impenn tagħha li tiġġieled id-diskriminazzjoni u li tippromwovi l-opportunitajiet indaqs fil-Komunikazzjoni tagħha "Nuqqas ta' diskriminazzjoni u opportunitajiet indaqs: Impenn imġedded". Fl-2017, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea pproklamaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jinkludi bħala t-tielet prinċipju tiegħu d-dritt ta' kull persuna, irrispettivament mill-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-impjiegi, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni, u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku[17]. Fil-pjan ta' azzjoni tagħha li jimplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Kummissjoni tikkonferma li t-trattament u l-aċċess ugwali jirrikjedu qafas legali effettiv, infurzat kif xieraq u aġġornat, li jirreferi b'mod partikolari għal din id-Direttiva[18].

[17] Il-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2017/C 428/09) (ĠU C 428/10, 13.12.2017).

[18] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali* (COM/2021/102 final), 4.3.2021.

(8) Il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni Ewropea tinkludi tliet strumenti legali bbażati fuq l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li ġie sostitwit bl-Artikolu 19 TFUE, u strument legali wieħed ibbażat fuq l-Artikolu 19 TFUE. L-ewwel tliet strumenti legali huma d-Direttiva 2000/43/KE[19], id-Direttiva 2000/78/KE[20] u d-Direttiva 2004/113/KE[21], li l-għan tagħhom huwa li jipprevjenu u jiġġieldu d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età u orjentazzjoni sesswali. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. B'mod partikolari, d-Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjiegi u fix-xogħol għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età u orjentazzjoni sesswali. Madankollu, il-grad u l-forma tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet lil hinn mill-oqsma tal-impjiegi jvarjaw bejn l-Istati Membri differenti. Id-Direttiva 2000/43/KE tipproteġi l-persuni kontra d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet tal-oriġini tar-razza jew l-etniċità tagħhom fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi, il-protezzjoni soċjali kif ukoll l-edukazzjoni, filwaqt li d-Direttiva 2004/113/KE toffri l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għar-raġuni ta' sess fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi, bl-esklużjoni tal-kontenut tal-media u r-reklami kif ukoll l-edukazzjoni. Minbarra dawn it-tliet strumenti legali, id-Direttiva tal-Kunsill 2024/1499/UE[22] tistabbilixxi u tqiegħed standards għall-korpi tal-ugwaljanza bl-għan li jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' dawn id-Direttivi u ta' oħrajn fil-qasam tat-trattament ugwali.

---

[19] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22).

[20] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

[21] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37).

[22] DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE. (ĠU L, 2024/1499, 29.5.2024, p. 1.)

(9) L-għan ta' din id-Direttiva hu, għalhekk, abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa fid-dawl tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, fir-rigward tar-raġunijiet li tkopri, li testendi l-grad u l-forma tal-protezzjoni[...] kontra d-diskriminazzjoni lil hinn mill-oqsma ta' impjieg fl-oqsma speċifiċi stabbiliti f'din id-Direttiva. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali f'firxa ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, jiġifieri l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, l-aċċess għall-edukazzjoni u l-aċċess għal oġġetti u servizzi, inkluż id-djar, u l-provvista tagħhom. Jenħtieġ li b'servizzi nifhmu dawk fit-tifsira tal-Artikolu 57 TFUE.

(10) Id-Direttiva 2000/78/KE tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fl-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali; jeħtieġ li din il-protezzjoni tkun kompletata billi tiġi estiża l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għall-edukazzjoni li mhijiex meqjusa taħriġ vokazzjonali.

(11) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni, is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni tas-saħħa. Jenħtieġ li tkun ukoll mingħajr preġudizzju għar-rwol essenzjali u d-diskrezzjoni wiesgħa tal-Istati Membri li jagħtu, jikkummissjonaw u jorganizzaw servizzi ta' interess ġenerali, li jistgħu jinkludu livelli differenti ta' servizzi bejn il-livell nazzjonali, reġjonali jew dak lokali, skont, pereżempju, id-diviżjoni tal-kompetenzi fi ħdan l-Istati Membri u ċ-ċirkostanzi reġjonali u lokali. Id-differenzi fit-trattament li jirriżultaw minn varjazzjonijiet reġjonali jew lokali fil-livell ta' tali servizzi għaldaqstant ma jikkostitwux diskriminazzjoni skont it-tifsira ta' din id-Direttiva.

(12) Diskriminazzjoni tinftiehem li tinkludi diskriminazzjoni diretta u indiretta, fastidju, istruzzjonijiet għal diskriminazzjoni u ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli. Hu mifhum ukoll li d-diskriminazzjoni sseħħ abbażi ta' għadd ta' raġunijiet.

(12a) Kif jista' jiġi dedott mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-diskriminazzjoni sseħħ, fost oħrajn, meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli, jew tkun mira ta' fastidju, minħabba assoċjazzjoni li dik il-persuna għandha, jew hu pperċepit li għandha, ma' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari, jew ma' organizzazzjonijiet dedikati għall-promozzjoni tad-drittijiet ta' dawn il-persuni. Id-diskriminazzjoni sseħħ ukoll meta persuna tiġi trattata b'mod anqas favorevoli jew tkun mira ta' fastidju minħabba reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali li jiġi sempliċiment preżunt li dik il-persuna jkollha[23].

(12ab) Jista' jkun importanti li jitqiesu s-sitwazzjonijiet speċifiċi ta' żvantaġġ li jirriżultaw minn diskriminazzjoni multipla, inkluż id-diskriminazzjoni intersezzjonali, sabiex tiġi riflessa r-realtà kumplessa tal-każijiet ta' diskriminazzjoni kif ukoll sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-vittmi tagħha. Id-diskriminazzjoni intersezzjonali tinftiehem bħala diskriminazzjoni, fi kwalunkwe forma tagħha, li sseħħ abbażi ta' kwalunkwe kombinazzjoni ta' tnejn jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin, inkluż fejn meħuda separatament is-sitwazzjoni ma twassalx għal diskriminazzjoni kontra l-persuna kkonċernata: reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali, kif ukoll kombinazzjoni ta' waħda jew aktar minn dawn ir-raġunijiet u kwalunkwe waħda mir-raġunijiet protetti skont id-Direttiva 2000/43/KE, id-Direttiva 2004/113/KE jew id-Direttiva 79/7/KEE.

(12b) Il-fastidju jmur kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali, peress li l-vittmi tal-fastidju ma jistgħux igawdu, fuq bażi ugwali ma' oħrajn, aċċess għall-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-oġġetti u s-servizzi. Il-fastidju jista' jieħu forom differenti, inkluż il-kondotta mhux mixtieqa verbali, fiżika, jew kondotta oħra mhux verbali. Tali kondotta tista' titqies bħala fastidju fit-tifsira ta' din id-direttiva meta jew tiġi ripetuta jew tkun tant serja fin-natura tagħha li jkollha l-għan jew l-effett li tiddisprezza d-dinjità tal-persuna u li toħloq ambjent ta' intimidazzjoni, ostili, degradanti, ta' umiljazzjoni jew offensiv.

---

[23] Is-sentenzi tal-Qorti tas-16 ta' Lulju 2015, *CHEZ Razpredelenie Bulgaria*, C-83/14, EU:C:2015:480 u tas-17 ta' Lulju 2008, *Coleman*, C-303/06, EU:C:2008:415.

(13) Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali, jenħtieġ li l-Unjoni, skont l-Artikolu 8 TFUE, timmira li telimina l-inugwaljanzi, u tippromwovi l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli.

Fil-preparazzjoni tar-rieżami tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-impatt differenzjali fuq l-irġiel u n-nisa.

(14) L-apprezzament tal-fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta jenħtieġ li tibqa' f'idejn il-korpi ġudizzjarji nazzjonali jew korpi kompetenti oħrajn skont ir-regoli tal-liġi jew il-prattika nazzjonali. Dawn ir-regoli jistgħu jipprevedu, b'mod partikolari, li d-diskriminazzjoni indiretta għandha tiġi stabbilita bi kwalunkwe mezz inkluż abbażi ta' evidenza statistika u/jew xjentifika.

(14-a) Id-differenzi fit-trattament minħabba l-età jistgħu jkunu permessi taħt ċerti ċirkostanzi jekk ikunu ġustifikati b'għan leġittimu u jekk il-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan ikunu adegwati u meħtieġa. Dan jista' jinkludi aċċess ristrett għal protezzjoni soċjali għal persuni li jappartjenu għal gruppi ta' età speċifiċi jew differenzjazzjoni ta' tali protezzjoni minħabba ħtiġijiet differenti ta' gruppi ta' età differenti.

(15ab) Is-sitwazzjoni ta' persuni fi gruppi ta' età differenti tista' ma tkunx komparabbli għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju fil-kuntest ta' ċerti servizzi tal-assigurazzjoni u dawk bankarji u finanzjarji oħra. L-istess japplika għas-sitwazzjoni ta' persuni li għandhom kundizzjonijiet ta' saħħa speċifiċi, li jista' jkun fattur determinanti fil-valutazzjoni tar-riskju mwettqa fil-kuntest ta' tali servizzi. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Direttiva tistabbilixxi kundizzjonijiet li taħthom id-differenzi fit-trattament fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkunu possibbli jekk ikunu ġustifikati b'mod oġġettiv minn għan leġittimu u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan ikunu xierqa u meħtieġa.

(14a) It-trattament preferenzjali b'rabta mad-diżabbiltà jew mal-età jista' jkun permess bħala forma ta' trattament differenzjat taħt ċerti ċirkostanzi jekk ikun ġustifikat oġġettivament b'għan leġittimu u jekk il-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan ikunu adegwati u meħtieġa. F'dan il-kuntest, il-promozzjoni tal-inklużjoni ekonomika, kulturali jew soċjali ta' persuni b'diżabbiltà jew ta' persuni li jappartjenu għal gruppi ta' età speċifiċi jenħtieġ li tikkostitwixxi għan leġittimu. Il-mezzi biex jintlaħaq dan l-għan, bħal li jiġu offruti kundizzjonijiet aktar favorevoli ta' aċċess għal persuni b'diżabbiltà jew għal persuni li jappartjenu għal gruppi ta' età speċifiċi, jenħtieġ li jkunu adatti u neċessarji. Miżuri relatati mad-diżabbiltà jew mal-età li joffru kondizzjonijiet aktar favorevoli lil persuni b'diżabbiltà jew ta' ċerta età li mhux disponibbli għal oħrajn, bħal tariffi mingħajr ħlas jew imnaqqsa għall-użu tat-trasport pubbliku, mużewijiet, jew faċilitajiet tal-isports, huma preżunti li huma kompatibbli mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u ma jikkostitwixxux diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà jew l-età.

(15)

(15b) Huwa importanti li l-klijenti u l-korpi ġudizzjarji u tal-ilmenti rilevanti jkunu jistgħu jiġu infurmati, fuq talba, dwar ir-raġunijiet li jispjegaw id-differenzi fit-trattament abbażi tal-età jew il-kundizzjoni tas-saħħa fis-servizzi finanzjarji f'każijiet individwali. Mingħajr ma l-fornituri tas-servizzi finanzjarji jkunu obbligati jiżvelaw data kummerċjalment sensittiva, huwa importanti li l-informazzjoni pprovduta tkun utli u tinftiehem minn pubbliku ġenerali u li tispjega d-differenzi fir-riskju individwali għas-servizz inkwistjoni.

(16) L-individwi kollha jgawdu l-libertà li jikkuntrattaw, inkluż il-libertà li jagħżlu sħab kuntrattwali għal tranżazzjoni. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa minn individwi li għalihom dawn it-tranżazzjonijiet jitwettqu fil-kuntest tal-ħajja privata jew tal-familja.

(17) Filwaqt li tiġi pprojbita d-diskriminazzjoni, huwa importanti li jiġu rispettati drittijiet u libertajiet fundamentali oħra skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inkluż il-protezzjoni tal-ħajja privata u familjari, id-drittijiet tal-anzjani, libertà ta' reliġjon, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' espressjoni, il-libertà tal-istampa, il-libertà tal-informazzjoni, il-libertà kuntrattwali u l-libertà ta' impriża. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tippreġudikax il-miżuri stabbiliti bil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma xierqa u neċessarji biex jinkiseb għan leġittimu, inkluż iż-żamma tas-sigurtà pubblika jew tal-ordni pubbliku, il-prevenzjoni tal-kriminalità, il-protezzjoni tas-saħħa, u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħrajn.

(17a) Din id-Direttiva tkopri l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali, l-aċċess għall-edukazzjoni u l-aċċess għal u l-forniment ta' oġġetti u servizzi fil-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni. Il-kunċett ta' "aċċess" ma jinkludix id-determinazzjoni, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, ta' jekk persuna hijiex eliġibbli biex tirċievi l-protezzjoni soċjali jew l-edukazzjoni, peress li l-Istati Membri huma responsabbli għall-organizzazzjoni, il-finanzjament u l-kontenut tal-protezzjoni soċjali u s-sistemi edukattivi tagħhom, u wkoll għad-definizzjoni ta' min huwa intitolat jirċievi l-protezzjoni soċjali jew l-edukazzjoni.

(17b) Il-protezzjoni soċjali, fis-sens ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li tkopri s-sigurtà soċjali, l-assistenza soċjali, l-akkomodazzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa. Konsegwentement, din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika fir-rigward tad-drittijiet, l-intitolamenti u l-benefiċċji kollha li jirriżultaw minn sigurtà soċjali ġenerali jew speċjali, skemi ta' assistenza soċjali u kura tas-saħħa, u li huma statutorji jew ipprovduti jew mill-Istat direttament, jew minn partijiet privati. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li d-Direttiva tapplika fir-rigward ta' benefiċċji fi flus kontanti, benefiċċji f'oġġetti u servizzi, irrispettivament minn jekk l-iskemi involuti huma kontributorji jew mhux kontributorji. L-iskemi msemmijin hawn fuq jinkludu, pereżempju, il-fergħat ta' sigurtà soċjali definiti bir-Regolament (KE) Nru 883/2004[24] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll skemi li jipprevedu benefiċċji jew servizzi mogħtija għal raġunijiet relatati man-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji jew ma' riskju ta' esklużjoni soċjali.

(17f) Il-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, tinkludi l-kompetenza għall-istabbiliment, il-finanzjament u l-ġestjoni ta' tali sistemi u arranġamenti relatati kif ukoll il-kompetenza li jiddeterminaw is-sustanza, l-ammont, il-kalkolu u t-tul ta' żmien ta' benefiċċji u tas-servizzi, u jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-benefiċċji u s-servizzi, inkluż limiti tal-età, kif ukoll biex jaġġustaw dawk il-kondizzjonijiet sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

(17g) Il-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom u tal-kontenut tat-tagħlim u tal-attivitajiet edukattivi, inkluż il-forniment ta' edukazzjoni lil persuni bi bżonnijiet edukattivi speċjali, tinkludi l-kompetenza għall-istabbiliment, il-finanzjament u l-ġestjoni ta' istituzzjonijiet edukattivi, għall-iżvilupp ta' kurrikuli u attivitajiet edukattivi oħrajn, għad-definizzjoni tal-proċessi ta' eżami u għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà f'istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi u privati, inkluż, pereżempju, l-istabbiliment tal-miżati kif ukoll il-limiti tal-età għall-iskejjel, il-korsijiet, jew il-boroż ta' studju, għotjiet u self għall-istudenti.

---

24 Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

(17h) Din id-Direttiva ma tapplikax għal kwistjonijiet koperti mil-liġi tal-familja, inkluż l-istat ċivili u l-adozzjoni u l-liġijiet dwar drittijiet riproduttivi. Hija wkoll bla ħsara għan-natura sekulari tal-Istat, l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-istat, jew l-edukazzjoni.

(18)

(19) Skont l-Artikolu 17 TFUE, l-Unjoni tirrispetta u ma tippreġudikax l-istatus skont il-liġi nazzjonali ta' knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri u tirrispetta ugwalment l-istat ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali.

(19-a) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali mmirati li jagħtu trattament preferenzjali mhux diskriminatorju fir-rigward ta' ċerti benefiċċji soċjali fejn u sakemm dan ikun meħtieġ biex tiġi indirizzata l-isfida demografika tat-tnaqqis fir-rati tat-twelid kif muri minn data akkurata li tindika tali tnaqqis fir-rati tat-twelid. Tali miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, appoġġ finanzjarju jew ta' akkomodazzjoni għall-familji.

(19a) Il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dawk li għandhom indeboliment tas-saħħa fiżika, mentali, intellettwali jew sensorji fuq perjodu fit-tul, flimkien ma' diversi ostakli, jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Id-definizzjoni ta' "għal terminu fit-tul" fir-rigward tal-kunċett ta' diżabbiltà jenħtieġ li titqies fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari s-sentenza tagħha fil-Kawża C-395/15.

(19ab) Il-prinċipju tal-aċċessibbiltà huwa stabbilit fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà. Il-Konvenzjoni tipprevedi f'dan ir-rigward li sabiex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jgħixu b'mod indipendenti u jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-aspetti kollha tal-ħajja, l-Istati Membri bħala Stati Parti għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw l-aċċess lill-persuni b'diżabbiltà, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, għall-ambjent fiżiku, għat-trasport, għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inkluż sistemi u teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u għal faċilitajiet oħra u servizzi miftuħa jew mogħtija lill-pubbliku f'żoni urbani u rurali.

(19b)

(19c)

(19ca) Sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza u tiġi eliminata d-diskriminazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri, skont din id-Direttiva u f'konformità mal-UNCRPD, jieħdu l-passi kollha xierqa biex jiżguraw li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli. L-obbligu li tiġi offruta akkomodazzjoni raġonevoli, dment li ma twassalx għal kwalunkwe piż sproporzjonat, diġà huwa stabbilit fid-Direttiva 2000/78/KE u fl-UNCRPD. F'konformità ma' dawn l-istrumenti, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, akkomodazzjoni raġonevoli tfisser modifika neċessarja u adegwata u aġġustamenti li ma jimponux piż sproporzjonat, meta jkunu meħtieġa f'każ partikolari, biex jiġi assigurat li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jgawdu u jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha. Normalment tiġi pprovduta skont il-każ lil persuna fil-forma ta' modifiki u/jew appoġġ f'ċirkostanzi speċifiċi, sabiex dik il-persuna jkun jista' jkollha aċċess għal sitwazzjonijiet jew ambjenti mhux aċċessibbli jew biex teżerċita dritt. Akkomodazzjoni raġonevoli tista' tkun temporanja, pereżempju, rampa li tista' titneħħa għal turġien żgħar, software għall-qari tal-iskrin tal-kompjuter, interpretu tal-lingwa tas-sinjali għal avveniment speċifiku, kurrikuli aġġustati, materjali tat-tagħlim u strateġiji ta' tagħlim, jew li tippermetti aċċess għall-persunal ta' appoġġ.

(19cb)

(19cc) Il-miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli huma meħtieġa biss sal-punt li ma jimponux piż sproporzjonat. Eżenzjonijiet minn rekwiżit wieħed jew aktar ta' trattament ugwali minħabba l-piż sproporzjonat li jimponu jenħtieġ li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jiġi limitat dak il-piż fir-rigward ta' kull każ individwali. Jenħtieġ li miżuri li jimponu piż sproporzjonat jinftiehmu bħala miżuri li jkunu jimponu piż organizzazzjonali jew finanzjarju addizzjonali eċċessiv fuq l-operatur ekonomiku, b'kont meħud tal-benefiċċju li x'aktarx jirriżulta għall-persuni b'diżabbiltà kkonċernati. Jenħtieġ li fi kwalunkwe valutazzjoni, jitqiesu biss raġunijiet leġittimi.

(19d)

(20)

(20-a) Il-miżuri għall-forniment ta' akkomodazzjoni raġonevoli f'każijiet individwali jaqdu rwol importanti fl-iżgurar ta' ugwaljanza sħiħa għall-persuni b'diżabbiltà fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva. Fil-kuntest ta' relazzjoni kuntrattwali jew oħra li tmur lura tul ta' żmien bejn il-fornitur u l-persuna b'diżabbiltà, modifika strutturali lis-sedi jew it-tagħmir jistgħu jitqiesu akkomodazzjoni raġonevoli. Akkomodazzjoni raġonevoli tista' tinkludi l-aġġustament jew il-modifika tal-politiki, proċeduri u prattiki normali tal-fornitur, l-adattament tal-kundizzjonijiet ta' aċċess u l-għoti ta' assistenza jew servizzi speċifiċi, b'kont meħud tal-ħtiġijiet partikolari ta' persuna b'diżabbiltà, bil-ħsieb li jinkiseb eżitu ugwali. Jenħtieġ li miżuri li jipprovdu akkomodazzjoni raġonevoli ma jimponux piż sproporzjonat.

(20aa) Madankollu, fil-forniment tal-akkomodazzjoni, sabiex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' akkomodazzjoni raġonevoli stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-fornitur ma jkunx meħtieġ jagħmel modifiki strutturali għas-sede jew iħallas għalihom. F'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali, jenħtieġ li l-fornitur jaċċetta tali bidliet jekk jiġu ffinanzjati b'xi mod ieħor u ma jimponux piż sproporzjonat f'xi forma oħra.

(20) L-Istati Membri huma mħeġġa jadottaw u jimplimentaw miżuri innovattivi sabiex tiġi żgurata akkomodazzjoni raġonevoli.

(20ab)

(20b) Fil-valutazzjoni ta' jekk il-miżuri dwar l-iżgurar ta' akkomodazzjoni raġonevoli jimponux piż sproporzjonat, jenħtieġ li jittieħed kont ta' għadd ta' fatturi inklużi, fost oħrajn, id-daqs, ir-riżorsi u n-natura tal-organizzazzjoni jew l-intrapriża, kif ukoll l-istima tal-ispejjeż għal tali miżuri jew it-tul tal-ħajja (teknika u/jew ekonomika) tal-infrastrutturi u l-oġġetti li jintużaw biex jiġi provdut servizz. Barra minn hekk, piż sproporzjonat jista' jirriżulta b'mod partikolari jekk ikunu meħtieġa modifiki strutturali sinifikanti sabiex jiġi pprovdut aċċess għal proprjetà mobbli jew immobbli li hija protetta skont ir-regoli nazzjonali minħabba l-valur storiku, kulturali, artistiku jew arkitettoniku tagħha.

(20c) Sabiex jitħalla biżżejjed żmien għall-konformità mar-rekwiżiti għall-iżgurar ta' akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabbiltà stabbiliti f'din id-Direttiva, huwa xieraq li jiġi pprovdut perjodu ta' traspożizzjoni itwal għal dawn il-miżuri.

(20d) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-atti legali tal-Unjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà jew akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabbiltà. Tali speċifikazzjonijiet huma previsti, fost oħrajn, fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 1300/2014[25], ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], u r-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27], u r-Regolament (UE) Nru 2021/782[28]. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2019/882 tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà fir-rigward ta' ċerti prodotti u servizzi u d-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku, u b'hekk tagħmel li dawk is-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli jkunu aktar aċċessibbli għall-utenti, b'mod partikolari għal persuni b'diżabbiltà. Rekwiżiti legali oħra huma stabbiliti, fost oħrajn, fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Meta jkun hemm konformità mal-atti legali tal-Unjoni li jipprevedu standards jew speċifikazzjonijiet dettaljati dwar l-akkomodazzjoni raġonevoli fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi partikolari, jenħtieġ li jitqies li hemm konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-akkomodazzjoni raġonevoli.

---

[25] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mal-aċċessibbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 110).

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

[27] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1).

[28] Ir-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni), ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1.

(21) Jenħtieġ li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni tkun bla ħsara għaż-żamma jew l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri maħsubin sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jkunu sofrew grupp ta' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari, jew li jkollhom aktar minn karatteristika waħda relatata ma' dawn ir-raġunijiet speċifiċi ta' diskriminazzjoni. Miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu appoġġ ta' organizzazzjonijiet ta' u għal persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari fejn l-objettiv prinċipali tagħhom hu l-inklużjoni ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dawk il-persuni, jew it-trattament tal-ħtiġijiet partikolari tagħhom.

(22) Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi, u għalhekk tagħti lill-Istati Membri l-alternattiva li jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma isservix biex tiġġustifika kwalunkwe rigressjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni li diġà teżisti f'kull Stat Membru.

(23) Il-persuni li kienu soġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali jenħtieġ li jkollhom mezzi adegwati ta' protezzjoni legali. Bil-għan li jipprovdu livell iktar effettiv ta' protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħrajn jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jimpenjaw ruħhom fi proċedimenti, inkluż f'isem jew b'appoġġ ta' xi vittma, mingħajr preġudizzju għal regoli nazzjonali ta' proċedura dwar rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.

(24) F'konformità mal-acquis eżistenti tal-UE dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, jenħtieġ li r-regoli dwar l-oneru tal-prova jkunu adattati meta jkun hemm każ ta' diskriminazzjoni *prima facie* u, sabiex ikun applikat effettivament il-prinċipju ta' trattament ugwali, jenħtieġ li l-oneru tal-prova jintefa' fuq il-konvenut meta tiġi preżentata evidenza ta' din id-diskriminazzjoni. Madankollu, mhuwiex f'idejn il-konvenut li jagħti prova li r-rikorrent huwa fidil lejn reliġjon jew twemmin partikolari, għandu diżabbiltà partikolari, huwa ta' età partikolari jew għandu orjentazzjoni sesswali partikolari.

(25) L-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali jirrikjedi protezzjoni ġudizzjarja adegwata kontra l-vittimizzazzjoni.

(26) Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-Segwitu tas-Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd (2007), il-Kunsill appella għall-assoċjazzjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lin-nies f'riskju ta' diskriminazzjoni, is-sħab soċjali u l-partijiet interessati fit-tfassil ta' linji ta' politika u programmi mmirati sabiex jipprevjenu d-diskriminazzjoni u jippromwovu l-ugwaljanza u l-opportunitajiet ugwali, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali.

(27) L-esperjenza fl-applikazzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE, 2004/113/KE u 2006/54/KE[29] turi li l-protezzjoni mid-diskriminazzjoni għar-raġunijiet koperti minn din id-Direttiva jissaħħu billi jiġi estiż il-mandat tal-korp jew tal-korpi tal-ugwaljanza eżistenti f'kull Stat Membru għall-kwistjonijiet koperti minn din Direttiva. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499/UE tistabbilixxi u tissettja standards minimi għall-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza, b'mod partikolari fir-rigward tal-effettività u l-indipendenza tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499/UE tapplika wkoll għall-kwistjonijiet koperti minn din id-Direttiva u tiġi emendata għal dan l-għan. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istandards għall-Korpi għall-Ugwaljanza tat-22 ta' Ġunju 2018 tista' tintuża mill-Istati Membri bħala gwida biex tgħin ittejjeb l-effettività u l-indipendenza ta' dawn il-korpi.

[29] Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23).

(28) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu l-ġbir ta' data dwar it-trattament ugwali u d-diskriminazzjoni, bl-għan partikolari ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-effettività tal-miżuri meħuda għal konformità ma' din id-Direttiva. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jistabbilixxu xenarji ta' referenza jew miri li jistgħu jitkejlu, jew jipparteċipaw fil-ġbir ta' data kwantitattiva u/jew kwalitattiva. Għall-fini ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li b'data dwar it-trattament ugwali u d-diskriminazzjoni għandha tinftiehem bħala li tinkludi kwalunkwe informazzjoni li tkun utli u rilevanti għall-iskop li jiġi deskritt u analizzat l-istat ta' ugwaljanza, fis-sens li tipprovdi indikazzjonijiet dwar l-eżistenza u/jew il-portata ta' każ ta' diskriminazzjoni u/jew l-ugwaljanza. Id-data miġbura tista' tinkludi xenarju ta' referenza bħal data demografika u soċjoekonomika, data dwar inugwaljanzi materjali u mġarrba, jew data li tippermetti l-valutazzjoni tal-politiki attwali jew data bbażata fuq l-indikaturi tad-drittijiet tal-bniedem. Jenħtieġ li d-data tinġabar f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali u f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data). Id-data dwar it-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni tista' tikkostitwixxi kategoriji speċjali ta' data personali skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679. Meta jittrasponu din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tinkludi salvagwardji xierqa applikabbli għall-ipproċessar ta' data personali, b'mod partikolari kategoriji speċjali ta' data personali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u maħżuna għall-fini ta' din id-Direttiva.

(29) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Il-penali jistgħu jinkludu sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji bħal multi jew il-ħlas ta' kumpens, kif ukoll tipi oħra ta' sanzjonijiet.

(30) Ladarba l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri dak li tiżgura livell komuni ta' protezzjoni kontra diskriminazzjoni fl-Istati Membri kollha, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, minħabba l-iskala u l-impatt tal-azzjoni proposta, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. Konformement mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(31) Skont il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[30], l-Istati Membri huma mħeġġa biex għalihom infushom u fl-interess tal-Unjoni, ifasslu t-tabelli tagħhom stess, li sa fejn hu possibbli, għandhom, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u li jagħmluhom pubbliċi.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

[30] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

## KAPITOLU I
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

*Għan*

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età, jew orjentazzjoni sesswali, bil-ħsieb li jsir effettiv fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

*Kunċett ta' diskriminazzjoni*

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-"prinċipju ta' trattament ugwali" għandu jfisser li ma għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "diskriminazzjoni" tfisser:

   (a) diskriminazzjoni diretta għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1, li għandha titqies li sseħħ meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn kif tiġi trattata jew tkun ġiet trattata persuna oħra f'sitwazzjoni simili komparabbli;

   (b) diskriminazzjoni indiretta għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1, li għandha titqies li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali, iqiegħdu lil persuni ta' reliġjon jew twemmin partikolari, b'diżabbiltà partikolari, ta' età partikolari, jew b'orjentazzjoni sesswali partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni oħrajn, sakemm tali dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma adegwati u meħtieġa;

(c) fastidju marbut ma' waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1, li għandu jitqies li jseħħ meta jkun hemm imġiba mhix mixtieqa bl-iskop jew l-effett li tnaqqas id-dinjità ta' persuna u li toħloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv. F'dan il-kuntest, il-kunċett ta' fastidju jista' jiġi definit skont il-liġijiet u l-prattika nazzjonali tal-Istati Membri;

(d)

(d-b) struzzjoni għal diskriminazzjoni kontra persuni għal kwalunkwe raġuni msemmija fl-Artikolu 1;

(e) iċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli għal persuni b'diżabbiltà, li għandha titqies li isseħħ meta ma jkunx hemm konformità mal-Artikolu 4a ta' din id-Direttiva;

3. Id-diskriminazzjoni skont din id-Direttiva tinkludi diskriminazzjoni bbażata fuq taħlita ta' raġunijiet għal diskriminazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 1, kif ukoll taħlita ta' waħda jew aktar minn dawk ir-raġunijiet u kwalunkwe waħda mir-raġunijiet għal diskriminazzjoni protetti skont id-Direttiva 2000/43/KE, id-Direttiva 2004/113/KE, jew id-Direttiva 79/7/KEE.

4.

5.

5a. Id-differenzi fit-trattament minħabba l-età jistgħu jkunu permessi jekk ikunu ġustifikati b'għan leġittimu, inkluż objettivi ta' politika soċjali u tas-saħħa leġittimi, u jekk il-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan ikunu adegwati u meħtieġa.

7a. Id-differenzi fil-primjums, il-benefiċċji tal-assigurazzjoni, il-prezzijiet, l-imposti jew it-tariffi tal-individwi fil-forniment ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra bbażati fuq l-età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni abbażi tal-età f'każ li tali differenzi jkunu oġġettivament u raġonevolment ġustifikati minn għan leġittimu u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan ikunu xierqa u meħtieġa. Dan għandu jkun l-każ biss jekk l-użu tal-età jkun fattur determinanti fil-valutazzjoni tar-riskju għas-servizz inkwistjoni u biss sa fejn il-valutazzjoni tar-riskji tkun ibbażata fuq data attwarja jew statistika akkurata, rilevanti u aġġornata jew—jekk din id-data ma tkunx disponibbli jew tkun insuffiċjenti—ibbażata fuq għarfien mediku rilevanti u affidabbli u l-valutazzjoni tar-riskji tqis is-sitwazzjoni individwali tal-applikant għal assigurazzjoni, servizzi bankarji jew servizz finanzjarju ieħor.

7. Id-differenzi fil-primjums, il-benefiċċji tal-assigurazzjoni, il-prezzijiet, l-imposti jew it-tariffi tal-individwi fil-forniment ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra bbażati fuq kundizzjoni tas-saħħa ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni skont it-tifsira ta' din id-Direttiva f'każ li tali differenzi jkunu oġġettivament u raġonevolment ġustifikati minn għan leġittimu u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan ikunu xierqa u meħtieġa. Dan għandu jkun il-każ biss jekk l-użu tal-kundizzjoni tas-saħħa jkun fattur determinanti fil-valutazzjoni tar-riskju għas-servizz inkwistjoni u għandu jkun il-każ biss sa fejn il-valutazzjoni tar-riskji tkun ibbażata fuq data attwarja jew statistika akkurata, rilevanti u aġġornata jew—jekk din id-data ma tkunx disponibbli jew tkun insuffiċjenti—ibbażata fuq għarfien mediku rilevanti u affidabbli u l-valutazzjoni tar-riskji tqis is-sitwazzjoni individwali tal-applikant għal assigurazzjoni, servizzi bankarji jew servizz finanzjarju ieħor.

6. It-trattament preferenzjali bbażat fuq l-età jew id-diżabbiltà jista' jkun permess jekk ikun oġġettivament ġustifikat minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan ikunu xierqa u meħtieġa. Trattament preferenzjali biex jiġu żgurati l-inklużjoni, l-integrazzjoni jew il-parteċipazzjoni fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor jista' jieħu l-forma ta' aċċess liberu, tariffi mnaqqsa jew aċċess preferenzjali u jista' jkun permess skont din id-Direttiva bħala trattament ġustifikat, xieraq u meħtieġ.

8. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-miżuri stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma xierqa u meħtieġa għaż-żamma tas-sigurtà pubblika jew tal-ordni pubbliku, għall-prevenzjoni tal-kriminalità, għall-protezzjoni tal-minuri, għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà u għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-oħrajn kif protetti skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkluż il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-familja, id-drittijiet tal-anzjani, id-dritt għal-libertà tar-reliġjon, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-istampa, il-libertà tal-informazzjoni, il-libertà kuntrattwali u l-libertà ta' impriża.

*Artikolu 3*

*Kamp ta' Applikazzjoni*

1. Fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni Ewropea u fil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 2 u b'rispett sħiħ għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni għandha tapplika għall-persuni kollha, fir-rigward tas-setturi pubbliċi u privati, inkluż il-korpi pubbliċi, rigward:

(a) l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, sa fejn jikkonċerna s-sigurtà soċjali, u għall-assistenza soċjali, l-akkomodazzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa.

L-aċċess skont dan il-punt għandu jinkludi l-proċess tat-tfittxija ta' informazzjoni, l-applikazzjoni u r-reġistrazzjoni kif ukoll il-provvediment attwali ta' miżuri ta' protezzjoni soċjali.

(b)

(c) l-aċċess għall-edukazzjoni.

L-aċċess skont dan il-punt għandu jinkludi l-proċess tat-tfittxija ta' informazzjoni, l-applikazzjoni u r-reġistrazzjoni kif ukoll l-ammissjoni attwali għal u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet edukattivi;

(d) l-aċċess għal prodotti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni, li jkunu disponibbli għall-pubbliku, u l-forniment tagħhom.

L-aċċess taħt dan il-punt għandu jinkludi l-proċess tat-tfittxija ta' informazzjoni, l-applikazzjoni, ir-reġistrazzjoni, l-ordnijiet, il-prenotazzjoni, il-kiri u x-xiri kif ukoll il-provvediment attwali u t-tgawdija tal-prodotti u s-servizzi kkonċernati.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

(a) kwistjonijiet koperti mil-liġi tal-familja, inkluż l-istat ċivili u l-adozzjoni, kif ukoll id-drittijiet riproduttivi, u lanqas għall-intitolamenti relatati għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali marbuta mal-istat ċivili;

(b) l-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri, l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' tali sistemi u arranġamenti relatati kif ukoll is-sustanza, l-ammont, il-kalkolu u t-tul ta' żmien ta' benefiċċji u servizzi, u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal dawn il-benefiċċji u s-servizzi, inkluż il-limiti tal-età;

(c)

(d) l-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-sistemi edukattivi tal-Istati Membri, inkluż l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' istituzzjonijiet edukattivi, il-kontenut tat-tagħlim u tal-attivitajiet edukattivi, l-iżvilupp ta' kurrikula, id-definizzjoni ta' proċessi ta' eżami, u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, inkluż l-istabbiliment tal-miżati kif ukoll il-limiti tal-età għall-iskejjel, il-korsijiet, jew il-boroż ta' studju, għotjiet u self għall-istudenti;

(e) differenzi fit-trattament abbażi ta' reliġjon jew twemmin ta' persuna fir-rigward ta' istituzzjonijiet edukattivi, li l-etos tagħhom hu bbażat fuq reliġjon jew twemmin, f'konformità mal-liġijiet, it-tradizzjonijiet u l-prattika nazzjonali.

(f) l-aċċess għal prodotti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni, li jkunu offruti fil-qasam tal-ħajja privata u tal-familja, u l-forniment tagħhom, u t-tranżazzjonijiet imwettqa f'dan il-kuntest.

3.

3a. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-miżuri nazzjonali li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-ilbies ta' simboli reliġjużi u ma tillimitax il-kompetenza tal-Istati Membri f'dawn il-kwistjonijiet.

4. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura n-natura sekulari tal-Istat, istituzzjonijiet jew korpi tal-Istat, jew l-edukazzjoni, jew dik li tikkonċerna l-istatus ta' knejjes u organizzazzjonijiet oħrajn abbażi ta' reliġjon jew twemmin u ma tillimitax il-kompetenza tal-Istati Membri f'dawn il-kwistjonijiet kif rikonoxxuta bl-Artikolu 17 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

4a. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali mmirati li jagħtu trattament preferenzjali mhux diskriminatorju fir-rigward ta' ċerti benefiċċji soċjali fejn u sakemm dan ikun meħtieġ biex tiġi indirizzata l-isfida demografika tat-tnaqqis fir-rati tat-twelid kif muri minn data akkurata li tindika tali tnaqqis fir-rati tat-twelid.

5. Din id-Direttiva ma tkoprix differenzi ta' trattament ibbażati fuq in-nazzjonalità u hija mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju ta' Stati Membri, u għal kwalunkwe trattament li jinħoloq mis-sitwazzjoni legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat ikkonċernati.

5a. Id-differenzi fit-trattament li jirriżultaw minn varjazzjonijiet reġjonali jew lokali fil-livell tas-servizzi ta' interess ġenerali ma jikkostitwux diskriminazzjoni skont it-tifsira ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

*Artikolu 4a*

*Akkomodazzjoni raġonevoli għal persuni b'diżabbiltà*

1. Sabiex tiġi ggarantita konformità mal-prinċipju tat-trattament ugwali fir-rigward ta' persuni b'diżabbiltà, għandha tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli fl-oqsma stabbiliti fl-Artikolu 3.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, akkomodazzjoni raġonevoli tfisser modifika u aġġustamenti meħtieġa u xierqa li ma jimponux piż sproporzjonat, fejn meħtieġ f'każ partikolari, biex jiżguraw lill-persuna b'diżabbiltà t-tgawdija jew l-eżerċizzju fuq bażi ugwali ma' oħrajn tal-aċċess għal miżura ta' protezzjoni soċjali, l-aċċess għall-edukazzjoni, u l-aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

3. Fil-forniment tal-akkomodazzjoni, il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jitolbu li l-fornitur jagħmel modifiki strutturali għas-sede jew iħallas għalihom. F'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali, il-fornitur ta' akkomodazzjoni għandu jaċċetta tali bidliet jekk jiġu ffinanzjati b'xi mod ieħor u ma jimponux piż sproporzjonat.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jkopru l-aċċessibbiltà jew l-akkomodazzjoni raġonevoli fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi partikolari.

5. Għall-finijiet tal-valutazzjoni dwar jekk il-miżuri meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' dan l-Artikoli jimponux piż sproporzjonat, għandu jittieħed kont, b'mod partikolari, ta':

a) id-daqs, ir-riżorsi, in-natura, il-fatturat nett u l-profitt tal-portatur tad-dmir;

aa) l-impatt negattiv fuq il-persuna b'diżabbiltà affettwata mill-fatt li l-miżura adatta u meħtieġa ma tiġix provduta;

b) l-istima tal-ispiża għall-miżura adatta u meħtieġa;

c) il-benefiċċju stmat għal persuni b'diżabbiltà inġenerali, b'kont meħud tal-frekwenza u t-tul ta' żmien tal-użu tal-oġġetti u s-servizzi rilevanti u l-frekwenza u t-tul taż-żmien tar-relazzjoni mal-bejjiegħ jew il-fornitur;

ca) l-ammont tal-finanzjament pubbliku disponibbli għall-portatur tad-dmir talli jieħu l-miżura adatta u meħtieġa;

d)

e) il-valur storiku, kulturali, artistiku jew arkitettoniku tal-proprjetà mobbli jew immobbli inkwistjoni; u

f) is-sikurezza u l-prattiċità tal-miżuri inkwistjoni.

Il-piż ma għandux jitqies sproporzjonat meta huwa rimedjat biżżejjed minn miżuri eżistenti fil-qafas tal-politika ta' trattament ugwali tal-Istat Membru kkonċernat.

2.

3.

*Artikolu 5*

*Azzjoni pożittiva*

1. Bil-għan li tkun żgurata ugwaljanza totali fil-prattika, il-prinċipju ta' trattament ugwali ma għandux jipprevjeni kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri speċifiċi sabiex jipprevjeni jew jikkumpensa żvantaġġi konnessi ma' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

*Artikolu 6*

*Ħtiġijiet minimi*

1. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet li huma iktar favorevoli għall-protezzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandha, fl-ebda ċirkostanza, tikkostitwixxi raġunijiet għal tnaqqis fil-livell ta' protezzjoni kontra diskriminazzjoni, diġà mogħtija mill-Istati Membri f'oqsma koperti minn din id-Direttiva.

## KAPITOLU II
## RIMEDJI U INFURZAR

*Artikolu 7*
*Difiża ta' drittijiet*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ġudizzjarji u/jew amministrattivi, inkluż fejn jidhrilhom xieraq proċeduri alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva, ikunu disponibbli għall-persuni li jikkunsidraw lilhom infushom inġurjati min-nuqqas li japplika għalihom il-prinċipju tat-trattament ugwali, saħansitra wara li tkun waqfet ir-relazzjoni li fiha jkun allegat li saret id-diskriminazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet ġuridiċi oħrajn, li għandhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-liġi nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jistgħu jieħdu sehem, jew f'isem jew b'appoġġ ta' min qed jagħmel l-ilment, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva prevista għall-infurzar ta' obbligi skont din id-Direttiva.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu bla ħsara għal regoli nazzjonali dwar il-limiti ta' żmien sabiex ikunu ppreżentati azzjonijiet fir-rigward tal-prinċipju tat-trattament ugwali.

4. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499/UE.

*Artikolu 8*

*Oneru tal-prova*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha li huma meħtieġa, skont is-sistemi nazzjonali ġudizzjarji nazzjonali tagħhom, sabiex jiżguraw li, meta persuni li jħossu li sar nuqqas kontrihom minħabba li l-prinċipju ta' trattament ugwali ma kienx applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, il-fatti li minnhom jista' jkun preżunt li kien hemm diskriminazzjoni, għandu jkun f'idejn il-konvenut li jagħti prova li ma kienx hemm ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jintroduċu regoli ta' evidenza li huma iktar favorevoli għar-rikorrenti.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal proċeduri kriminali.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 1 għal proċeduri li fihom il-qorti jew korp kompetenti ieħor jkun qed jinvestiga l-fatti tal-każ.

5. Il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll għal kwalunkwe proċediment legali mibdi skont l-Artikolu 7(2).

*Artikolu 9*

*Vittimizzazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jintroduċu fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom dawk il-miżuri li huma meħtieġa sabiex jipproteġu lill-individwi minn kwalunkwe trattament kuntrarju jew konsegwenza kuntrarja bħala reazzjoni għal ilment jew għal proċedimenti mmirati sabiex jinforzaw il-konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali.

*Artikolu 10*

*Disseminazzjoni ta' informazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ, jitpoġġew fl-attenzjoni tal-persuni kkonċernati permezz ta' mezzi adegwati fit-territorju kollu tagħhom.

*Artikolu 11*

*Djalogu mal-partijiet interessati rilevanti*

Bil-għan li jiġi promoss il-prinċipju ta' trattament ugwali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu djalogu ma' partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, li għandhom, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet u fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

*Artikolu 12*

## KAPITOLU III
## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 13*
*Konformità*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-prinċipju ta' trattament ugwali huwa rispettat fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari li:

(a) kwalunkwe liġi, regolament u dispożizzjoni amministrattiva li tmur kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali titħassar;

(b) kwalunkwe dispożizzjoni kuntrattwali, regola interni tal-intrapriżi, u regola li tirregola l-assoċjazzjonijiet li jagħmlu qligħ jew dawk li ma jagħmlux qligħ u li tmur kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali hija, jew tista' tkun, iddikjarata nulla jew tiġi emendata.

*Artikolu 14*
*Penali*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penali applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jkunu applikati. Il-penali jistgħu jinvolvu l-ħlas ta' kumpens, li ma jistax ikun ristrett bl-istabbiliment minn qabel ta' limitu massimu, u għandu jkun effettiv, proporzjonat u dissważiv.

*Artikolu 14a*
*Integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa*

L-Istati Membri għandhom, meta jimplimentaw din id-Direttiva, jieħdu kont tal-għan tal-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi, u tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

*Artikolu 14b*

*Emendi għad-Direttiva 2024/1499/UE*

*(Direttiva adottata abbażi ta' COM/2022/689 final)*

Id-Direttiva 2024/1499/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1(1) u (2), l-Artikolu 4, l-Artikolu 5(1) u (2), l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 10(1), l-Artikolu 15 u l-Artikolu 16(2) u (4), "Direttivi 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE" hija sostitwita bi "Direttivi 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE, 2004/113/KE u XX/XX (*Direttiva adottata abbażi ta' COM/2008/0426 final*).

(2) Fl-Artikolu 6(1), "l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7/KEE, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/43/KE, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78/KE, u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/113/KE" hija sostitwita bi "l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7/KEE, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/43/KE, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78/KE, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/113/KE jew l-Artikolu 2 tad-Direttiva XX/XX (*Direttiva adottata abbażi ta' COM/2008/0426 finali*)".

*Artikolu 15*

*Implimentazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa …. [tliet snin wara l-adozzjoni]. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih u għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jakkumpanjawhom b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. Fir-rigward tal-Artikolu 4a, l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jibbenefikaw minn estensjoni tal-perjodu ta' traspożizzjoni msemmi fil-paragrafu 1 b'mhux aktar minn sentejn. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u jikkomunikaw id-data tat-traspożizzjoni rilevanti sa [tliet snin wara l-adozzjoni].

3.

4. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-ġbir ta' data dwar it-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni. Id-data għandha tinġabar f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali u f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

*Artikolu 16*

*Rapport*

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa [erba' wara d-data prevista fl-Artikolu 15(1)] u kull ħames snin wara dan, l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex tfassal rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis, kif adatt, il-fehmiet tal-korpi ta' ugwaljanza nazzjonali u l-partijiet interessati rilevanti, kif ukoll l-Aġenzija ta' Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif stabbilit fl-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dan ir-rapport għandu, fost oħrajn, jipprovdi valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri meħuda fuq in-nisa u l-irġiel. Fid-dawl tal-informazzjoni li tiġi riċevuta, dan ir-rapport għandu jinkludi, jekk meħtieġ, proposti għar-reviżjoni u l-aġġornament ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 17*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 14b għandu japplika minn … [*tmiem il-perjodu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*].

*Artikolu 18*

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.